A.L. 93 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Lifelong Career Guidance and Development

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Lifelong Career Guidance and Development.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bordijiet tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni u taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol; u

"id-Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Lifelong Career Guidance and Development; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Lifelong Career Guidance and Development.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2006 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) L-applikanti jistgħu jirreġistraw għall-Kors skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti jekk huma:

(a) jkollhom grad rikonoxxut ta' l-ewwel livell, preferibbilment f'qasam relatat; u

(b) jissodisfaw lill-Bord ta' l-Istudji permezz ta' intervista li huma għandhom il-kwalifiki meħtieġa biex isegwu l-Kors, li jinkludu:

(i) xeħta u dispożizzjoni professjonali; u
(ii) preferibbilment, esperjenza ta' xogħol f'qasam relatat.

(2) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jirreġistraw għall-Kors. L-għadd ta' postijiet disponibbli jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu skond kif marru fl-intervista u l-kwalifiki edukattivi tagħhom.

Il-Bord ta' l-Istudji

4. (1) L-amministrazzjoni akkademika tal-Kors għandha tkun fdata lil Bord ta' l-Istudji maħtur għal dan il-għan.

(2) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jkun magħmul minn:

(a) Chairperson maħtur mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

(b) rappreżentant akkademiku mill-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni u ieħor miċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol; u

(ċ) il-koordinatur tal-kors maħtur mis-Senat wara konsultazzjoni mal-Bordijiet tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni u taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol.

(3) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jikkonsulta regolarment ma' l-imsieħba soċjali biex jiżgura li t-taħriġ offrut huwa sensittiv u jaqdi l-ħtiġijiet tal-komunità.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' sentejn studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studji

6. (1) Il-Kors jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu ECTS, li jinkludu esej twil/proġett li għalihom hemm assenjati 8 kredti ECTS.

(2) Il-Bord ta' l-Istudji għandu jħejji l-programm ta' studji għall-Kors li għandu jindika liema taqsimiet studju għandhom jittieħdu f'kull semestru, liema

taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew qabel taqsimiet studju oħra. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jippubblika l-programm ta' studji għall-Kors qabel il-bidu tiegħu, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(3) Il-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, l-għadd ta' kredti assenjati għal kull taqsima studju, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, u l-lettur li jgħallem it-taqsima studju għandhom ikunu ppubblikati f'katalgu ta' taqsimiet studju, li jkun ippubblikat mill-Bord ta' l-Istudji, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni

7. (1) It-taqsimiet studju jkunu evalwati fi tmiem is-semestru li saru fih.

(2) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa ta' Marki	Grad
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex tkun ikkalkulata l-klassifikazzjoni finali tad-Diploma.

(2) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju jerġgħu jiġu eżaminati f'sessjoni supplimentari darba biss. Il-valutazzjoni supplimentari normalment issir bl-istess mod ta' valutazzjoni bħall-ewwel valutazzjoni. Fil-valutazzjoni supplimentari, l-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw huma 45% - grad D.

(3) Jekk ma jgħaddux fil-valutazzjoni supplimentari, l-istudenti ma jistgħux ikomplu l-Kors.

L-Esej Twil/Il-Proġett

8. (1) L-istudenti għandhom jissottomettu esej twil jew proġett dwar tema relatata mas-suġġetti mgħallma matul il-Kors u approvati mill-Bord ta' l-Istudji. L-esejs twal għandhom ikunu ta' bejn l-10,000 u t-12,000 kelma.

(2) L-istudenti li jeħlu fl-esej twil/fil-proġett għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettuhom darba oħra fi żmien perijodu ta' sitt xhur.

L-Għoti tad-Diploma

9. L-istudenti jkunu kkunsidrati li temmew il-Kors b'suċċess jekk huma:

(a) jiksbu total ta' mhux anqas minn 52 kredtu ECTS għat-taqsimiet studju u jgħaddu mit-taqsimiet studju obbligatorji kollha; u

(b) jgħaddu mit-taqsima studju ta' l-esej twil/tal-proġett.

10. (1) Il-klassifikazzjoni finali ta' kull student għandha tqis il-marki kollha miksuba fil-valutazzjonijiet tat-taqsimiet studju u ta' l-esej twil/il-proġett.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.